MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

# 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 15

IL-Hamis 19 ta' Dicembru 2017

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Ufficċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-4 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Paul Bongailas - Kunsillier
Vince Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

***Ma Kienx hemm***

**ASSENTI**

***Ma Kienx hemm***

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjediet il-laqgħa.

**15.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm

**15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**15.2.1** Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f 'Novembru2017.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Vici Sindku Christopher Bruno

**15.3 Komunikazzjoni mis-Sindku fuq punti imqajjmin mis-Seduta preċedenti (14)**

**14.3 A7** Is-Sur Pawlu Bongailas informa il-Kunsill illi l-'Bus Shelter', minn dawk imsemmija fil-minuti preċedent' ta' Triq il-Missjoni Taljana ma Triq il-Luqqata kienet ġiet irranġata fil-ġranet li għaddew minn naħa ta' TM.

**Komunikazzjoni mis-Sindku : Korrespondenza**

**15.3.1 A** Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar kwotazzjoni li kienet qed tinħadem minn naħa tal-Gvern Ċentrali biex il-funtana ta' Misraħ Arċisqof Gonzi terġa tibda tiffunzjona kif suppost dan wara li l-Kunsill stess iddiskuta din l-istess materja fis-seduta preċedenti.

**15.3.1** B Is–Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill illi kif kien diġa ġie deċiż mill-Kunsill fis-sena 2016 ser tkun qed tiġi stipulata data fix-xahar ta' Frar 2018 biex issir il-laqgħa pubblika. Sadanitant ser ikun qed jiġi finalizzat ir-rapport Amministrattiv biex b'hekk jiġi preżentat lir-residenti waqt din l-istess laqgħa.

15.3.1 C Is-Sinjura Speranza Chircop talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill kollu biex jinbeda u jkun hemm ħsieb ta' proġett / Ġemellaġġ fil-futur b'tema mużikali fejn il-Baned tal-lokal ikunu jistgħu wkoll igawdu minn dan il-proġett la darba wieħed jasal fi ftehim.

Il Kunsill qabel unanimament mal-punt imsemmi.

Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar ilment li rċeviet fuq
15.3.1 D bankina mkissra fi Triq is-Sienja fejn ser ikunu qegħdin jintbgħatu l-ħaddiema tal-Kunsill stess biex wieħed jara x'jista jagħmel biex din il-bankina titranġa.

Fl-istess ħin is-Sinjura Maria Sultana ikkumentat dwar il fatt illi Triq Santa Filumena u l-inħawi huma fi stat diżastrużi minħabba s-servizzi li għaddew jew li jitgħaddew minn naħa ta' l-Enemalta kif ukoll minn naħa tal-'Water Services' fejn dawn jiftħu u jirranġaw fejn ikun hemm bżonn pero' jitħalla nofs xogħol meta jiġu biex jerġgħu jgħalqu dak li jkunu kissru.

Is-Sinjura Speranza Chircop informat il-Kunsill dwar ix-xogħolijiet f'dar privata li ser ikunu qegħdin jibdew aktar tard fix-xahar ta' Jannar fejn dawn l-
15.3.1 E istess xogħlijiet ser jibqgħu sejrin sa Marzu, fi Triq San Mikiel.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dwar dan la darba nħarġu l-permessi tal-MEPA u l-kuntrattur ikollu kollox skond il-liġi. Ir-residenti għandom jiġu notifikati b'dawn ix-xogħlijiet minn naħa tal-Kunsill stess biex b'hekk kulħadd ikun jaf x'ser isir.

Is-Sinjura Speranza Chircop informat il-Kunsill dwar talba mill-Klabb tal-Football tal-Kalkara fejn dawn qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill biex isir ġemelaġġ b'fondi Ewropej fil-futur għal benefiċċju tagħhom.

15.3.1 F

Il-Kunsill qabel illi għandha tinġieb aktar informazzjoni minn naħa tagħhom fuq il-fatt ta min se jkun l-imsieħeb ewlieni f'kull tip ta' proġett biex hekk ikun jista jiċċekja l-affarijiet sew il-konsulent imqabbad mill-Kunsill fuq proġetti kapitali.

Is-Sinjura Speranza Chircop uriet dokumenti miġjuba lilha minn resident fejn
15.3.1 G qed jitlob permess biex jagħlaq biċċa mill-bankina f'Misraħ Arċisqof Gonzi minħabba raġunijiet ta' sigurta' peres li nħariġlu l-permess għal bini.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dwar dan bil-patt u l-kundizzjoni li jitħalla passaġġ għan-nies addattat anki biex jgħaddi siġġu tar-roti, 'pushchairs'.

Is-Sinjura Maria Sultana saħqet illi tajjeb li l-Kunsill jiċċekja sew li l-inħawi tkun tħalliet tajba la darba jispiċċa ix-xogħol tal-bini.

15.3.2 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill illi s-serata mtella' b'kollaborazzjoni mad-Diretorat taċ-Ċinizi kienet ser tkun fid-19 ta' Jannar 2018 fl-iskola Primarja tal-Kalkara. Hija qalet ukoll illi l-loġistika ta' din is-serata diġa nbdiet biex b'hekk ikun hemm attendenza sabiħa.

Is-Sinjura Speranza Chircop saħqet illi d-donazzjonijiet kollha miġburin waqt din is-serata u qabel mix-xiri tal-biljetti ser ikunu qegħdin imorru b'risq id-Dar tal-Providenza.

## 15.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 15.4.1 Christopher Bruno – Viċi Sindku

**A.** Is-Sur Chris Bruno ta l-proset tiegħu lill-Kunsill kollu speċjalment lis-Sur Pawlu Bongailas bħala l-persuna responsabbli għal Jum il-Kalkara 2017.

Is-Sur Chris Bruno qal ukoll illi tajjeb li l-Kunsill ikun jaf b'dak kollu li jkun qed jiġri mis-Sotto Kumitat kif ukoll miċ-'Chairperson' li huwa s-Sur Pawlu Bongailas qabel l-istess serata. Qablu ma dan il-punt ukoll is-Sinjura Maria Sultana kif ukoll is-Sinjura Speranza Chircop.

Is-Sur Chris Bruno qal illi mhux professjonali li l-Kunsilliera jkunu preżenti għal din is-serata bla ma jkollom dettalji fuq kollox.

Huwa saqsa ukoll jekk kienx hemm raġuni partikolari għalfejn dejjem jintgħażlu l-istess żewġ persuni biex jippreżentaw din is-serata u għalfejn waħda minnhom din is-sena ma ppreżentatx bħas-soltu wara li din l-istess persuna uriet id-disjaċir tagħha li baqgħet barra wara ħafna snin.

Is-Sur Pawlu Bongailas qal li din kienet deċiżjoni tiegħu u ta' ħadd aktar anka minħabba illi fl-aħħar ftit ġranet inbidel il-preżentatur minħabba mpenji oħra u b'hekk kellha tittieħed deċiżjoni imminenti biex b'hekk ma jitħarbatx il-programm ta' l-istess serata.

**B.** Is-Sur Chris Bruno qal illi hemm bżonn isir infurzar mill-awtoritajiet ikkonċernati dwar il-proġett li qed isir fin-naħat ta' l-iskola speċjalment in-naħa ta' Triq Giovanni Ricasoli fejn sal-lum kien hemm diżastru.

Is-Sinjura Speranza Chircop ikkonfermat illi hi flimkien mas-Seg.Eżek qegħdin jieħdu ħsieb l-ilmenti kollha tar-residenti mall-kuntrattur li qiegħed jaħdem kif ukoll mal-Perit inkarigat mill-istess proġett.

Is-Sinjura Maria Sultana ukoll qalet illi l-'culverts' li għamlu huma kollha mimlija bl-ilma qiegħed wara x-xita li għamlet fejn dawn għandom jiġu mbattla mill-aktar fiss possibli minħabba raġunijiet sanitarji.

**C.** Is-Sur Chris Bruno staqsa dwar Triq li tiġi wara l-knisja li tagħmel parti min Triq Gianni Raimondo kif din qatt ma ġiet mgħotija tarmak min naħa tal-Gvern Ċentrali.

Il-Kunsill kollu ikkonferma li dak huwa sqaq privat fil-verita' pero' talbu lis-Seg.Eżek tikkonferma mal-Lands Department biex din tkun miktuba għal referenzi fil-futur.

**D.** Is-Sur Chris Bruno staqsa għalfejn it-taraġ ta' Bighi għadu magħluq min naħa ta' l-Esplora dan wara il-proġett huwa issa finalizzat. Huwa qal li dan dejjem kien miftuħ għal pubbliku w issa kienu qed javviċinawh in-nies li dejjem għamlu użu minnu.

Is-Seg.Eżek spjegat illi hi kienet diġa bgħatet biex issaqsi dwar dan u r-risposta kienet illi għadu magħluq minħabba raġunijiet ta' saħħa u sigurta' għal-istess pubbliku.

## Is-Sur Pawlu Bongailas - Kunsillier

**A.** Is-Sur Pawlu Bongailas, talab lill-Kunsilliera jgħaddu xi kummenti jekk għandhom rigward il-fuljett li nħareġ mill-istess Kunsill fix-xahar ta' Diċembru 2017

- Is-Sur Chris Bruno qal illi fil-fehma tiegħu l-messaġġi tal-Kunsilliera għandom ikunu iktar fil-qosor biex it-tipa tal-ittri ma jiġux daqshekk żgħar meta l-istess fuljett jintbgħat għal-istampar.

- Is-Sinjura Maria Sultana qalet illi kien hemm paġni fejn l-ispacing ta' bejn il-kliem ma ġiex f'postu.

- Is-Sur Vince Bongailas qal li l-messaġġi tal-Kunsilliera għandhom ikunu 'short and sweet'.

**B.** Is-Sur Pawlu Bongailas talab lill-Kunsilliera jagħtu l-kummenti tagħhom fuq is-serata' ta' Jum il-Kalkara 2017 issa li għaddiet biex b'hekk għas-sena d-dieħla jittranġaw dejjem aktar l-affarijiet

**Kummenti tal-Kunsilliera Maria Sultana:**

- Uriet id-dispjaċir tagħha fuq l-atitudni li ġiet meħuda mis-Sur Pawlu Bongailas waqt il-quddies ta' l-istess serata fejn ħassieta id-degradata.

Is-Sur Pawlu Bongailas skuża ruħu waqt is-seduta stess.

- Is-Sinjura Maria Sultana qalet illi l-ħin bejn il-quddies u l-attivita' kien wieħed twil u ta' skariġġ għal min ikun irid jattendi it-tnejn

- Is-Sinjura Maria Sultana issuġerit li tajjeb li l-Każini tal-Baned jingħaqdu flimkien għal serata flimkien

Is-Sur Pawlu Bongailas kif ukoll is-Sur Chris Bruno ikkonfermaw illi din diġa ġiet issuġerita mal-Każini tal-Baned pero' ma waslux fi ftehim min naħa tagħhom minħabba raġunijiet ta' loġistika minn naħa tagħhom.

**Kummenti tal Kunsillier Vince Bongailas:**

- Is-Sur Vince Bongailas qal illi għal din is-serata kienu qegħdin jintefqu ħafna flus kif kienet ilha tgħid is-Seg.Eżek biex imbgħad l-istess Kunsill ikun ristrett biex jagħmel affarijiet oħra.

- Is-Sur Vince Bongailas qal illi din l-attivita' biż-żmien qed tiġi waħda monotona għaliex dejjem l-istess sena wara sena.

- Is-Sur Vince Bongailas issuġerixxa illi tinbidel il-mużika f'waħda aktar allegruża kif ukoll jiġu nklużi artisti mill-lokal u li jekk hemm bżonn jidħol għal din il-biċċa xogħol l-istess Kunsill biex jinstgħabu artisti mill-lokal.

Is-Sur Pawlu Bongailas qal li dan is-suġġeriment ta' l-aħħar jista jiġi mgħoddi lis-Surmastrijiet taż-żewġ baned pero' saħaq ukoll illi biex il-Każini jinkludu artisti bħal kantanti huma jridu jħallsu iktar u mhux kull każin huwa komdu li jagħmel dan.

**Kummenti tas-Sinjura Speranza Chircop:**

- Is-Sinjura Speranza Chircop qalet illi l-kunċert ta' din is-sena kien wieħed mill-isbaħ u bl-ebda mod ma trid tneħħi l-mertu lil baned pero' fil-fehma tagħha hemm bżonn ta' bidla għal din is-serata.

Hija qalet illi kienet ilha tissuġerixxi li ssir xi tip ta' Gospel Choir.

Is-Sur Pawlu Bongailas qal illi dan is-suġġeriment hija kienet dejjem issuġeritu biex isir kunċert fil-knisja u mhux biex jinġieb Gospel Choir għal Jum il-Kalkara.

Is-Sur Chris Bruno qal illi biex tagħmel dan is-suġġeriment minn naħa tas-Sindku wieħed irid iwaqqaf il-baned tal-lokal li fil-fehma tiegħu mhux vijabli għax dan għajnuna għalijhom u hija tradizzjoni tal-lokal.

**Kummenti oħra:**

Is-Sur Chris Bruno qal illi għal Frar / Marzu 2018 tajjeb li wieħed jagħmel laqgħa mal-banda li jmissa itellgħa s-serata għas-sena 2018 biex dak kollu li intqal hawn fuq mill-Kunsill jiġi mgħoddi lilhom u jiġu diskussi affarijiet ġodda għal Jum il-Kalkara.

Is-Sur Pawlu Bongailas, bħala l-Kunsillier responsabbli minn Jum il-Kalkara ħa nota ta' dawn is-suġġerimenti kollha u se jiltaqa' mal-Każin li jmiss fis-sena 2018, sabiex ikun jista jiddiskuti dawn il-materji.

**C.** Is-Sur Pawlu Bongailas informa l-Kunsill dwar id-data finalizzata għal Jum il-Kalkara 2018 li ġiet suġġerita li ssir 12 ta' Diċembru, lejliet Festa Pubblika, peres li l-10 ta' Diċembru se jkun it-Tnejn, kif ukoll ħa nota tas-suġġerimenti / kritika kollha li 'ntqal min kull Kunsillier biex b'hekk wieħed iżomm f'moħħu dak li hu mixteq min kulħadd għas-serati li ġejjiejn.

**D.** Is-Sur Pawlu Bongailas wera x-xewqa tiegħu li jsir Suq tal-Milied fil-lokal tal-Kalkara.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dwar dan bil-patt u l-kundizzjoni li l-Kunsill ma joħroġ l-ebda kapital biex dan isir.

Is-Seg.Eżek ġiet mitluba iġġib informazzjoni x'hemm bżonn kif jinħadem Suq tal-Milied f'lokalitajiet oħra biex b'hekk jerġa jiġi diskuss dan il-punt għas-sena 2018.

E. Is-Sur Pawlu Bongailas qal illi l-Kunsill irid jagħmel xi ħaġa rigward illi fi 30 sena Triq is-Sibi qatt ma kellha problemi sa meta hemm kuntrattur patikolari li qed jaħdem b'inġenji kbar u għal darba darbtejn sfrundat din l-istess Triq.

Is-Seg.Eżek spjegat illi hi kemm il darba għamlet rapporti lil-Pulizija pero' m'hemm ħadd lest jitla xhud ta' dan apparti minn hekk dan l-istess kuntrattur m'għandux rotta oħra minn fejn jista jgħaddi biex jaħdem fejn qiegħed jaħdem.

Is-Sur Vince Bongailas qal li TM għandha tieħu r-responsabbilta' tad-danni.

Is-Seg.Eżek spjegat li dik it-Triq taqa taħt il-Kunsill u li TM ma jidħlux fiha bl-ebda mod.

Is-Seg.Eżek qalet illi fil-fehma tagħha u milli ma tifhimx tajjeb li wieħed jagħmel rapport il-'Water Works' għaliex jaf hemm xi tnixxija minn taħt l-art peres li t-Triq sfrundat darbtejn fl-istess post.

Is-Sur Chris Bruno qal illi issa ser tkun qed tingħaqad Aġenzija ġdida fuq toroq fejn il-Kunsili jkunu jistgħu japplikaw għalijom. Biex isir tranġar fit-toroq.

**<u>Is-Sur Vince Bongailas - Kunsillier</u>**

F. Is-Sur Vince Bongailas talab lis-Seg.Eżek tibgħat rapport formli lil TM wara li dawn waħħlu poġġaman fi Triq Marina quddiem residenza partikolari fejn lanqas jistgħu joħorġu komdi min darhom u lanqas wheelchair ma jista jgħaddi.

Is-Seg.Eżek ikkonfermt illi kienet diġa bgħatet rapport formali biex jittieħdu passi fuq dan l-inkonvenjent.

## 15.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

15.5.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 13.17 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 15.6 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

## 15.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

15.7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar it-Tlieta 23 ta' Jannar 2018 fl-4:00 p.m.

Konfermati, illum Il-Hamis 23 ta' Jannar, 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Speranza Chircop<br>Sindku | Elaine Caruana<br>Segretarju Eżekuttiv |